



Brussell, 7 ta' Ġunju 2024
(OR. en)

10214/24

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0265(COD)

TRANS 245
CLIMA 211
ENV 541
COMPET 583
CODEC 1329

RAPPORT

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/ Kunsill
Nru dok. Cion:	ST 11722/23 + ADD 1
Suġġett:	Thejjiġa tal-laqgħa tal-Kunsill (<u>Trasport</u>, Telekomunikazzjoni u Enerġija) tat-18 ta' Ġunju 2024 Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 96/53/KE li tistabbilixxi għal ċerti vetturi tat-triq li jiċċirkolaw fi ħdan il-Komunità d-dimensjonijiet massimi awtorizzati fit-traffiku nazzjonali u internazzjonali u l-piżijiet massimi awtorizzati fit-traffiku internazzjonali – Rapport ta' progress

I. INTRODUZZJONI

1. Il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 96/53/KE li tistabbilixxi għal ċerti vetturi tat-triq li jiċċirkolaw fi ħdan il-Komunità id-dimensjonijiet massimi awtorizzati fit-traffiku nazzjonali u internazzjonali u l-piżijiet massimi awtorizzati fit-traffiku internazzjonali, minn hawn 'il quddiem "Direttiva dwar il-Piżijiet u d-Dimensjonijiet għal ċerti vetturi tat-triq", lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill fit-13 ta' Lulju 2023 bħala parti mill-Pakkett imsejjaħ "Nagħmlu t-trasport aktar ekoloġiku".

2. Il-Kummissjoni ppreżentat il-Pakkett "Nagħmlu t-Trasport Aktar Ekoloġiku" f'żewġ partijiet. L-ewwel parti ġiet proposta fit-13 ta' Lulju 2023 u tikkonsisti fil-proposta fis-suġġett, flimkien ma' proposta għal Regolament għal qafas armonizzat għall-emissjonijiet ta' gassijiet serra minn servizzi tat-trasport tal-merkanzija u tal-passiġġieri (inizjattiva CountEmissions EU) u proposta għal Regolament dwar l-użu tal-kapaċità ferrovjarja fiż-żona ferrovjarja unika Ewropea.

It-tieni parti tal-pakkett ġiet proposta fis-7 ta' Novembru 2023 u tikkonsisti fil-proposta li temenda d-Direttiva tal-Kunsill fir-rigward ta' qafas ta' appoġġ għat-trasport intermodali tal-merkanzija u r-Regolament fir-rigward tal-kalkolu tal-iffrankar tal-ispejjeż esterni u l-ġenerazzjoni ta' data aggregata (Direttiva dwar it-Trasport Ikkombinat).

3. Il-proposta biex tiġi emendata d-Direttiva dwar il-Piżijiet u d-Dimensjonijiet għal ċerti vetturi tat-triq għandha tliet objettivi: (a) biex jiġi żgurat aħjar il-moviment liberu u effiċjenti tal-merkanzija u l-kompetizzjoni ġusta, (b) jiġu pprovduti inċentivi suffiċjenti għas-settur biex jitħeġġeġ l-investiment f'teknoloġiji b'emissjonijiet żero u (c) jiġi żgurat infurzar aktar effiċjenti u konsistenti tar-regoli ġodda u eżistenti.

II. ĦIDMA FL-ISTITUZZJONIJIET L-OĦRA

4. Il-Parlament Ewropew ħatar il-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (TRAN) bħala l-kumitat responsabbli minn din il-proposta u lis-Sa Isabel GARCIA MUÑOZ (S&D, ES) bħala r-rapporteur. Il-Parlament Ewropew adotta r-rapport tiegħu fis-sessjoni plenarja tiegħu tat-12 ta' Marzu 2024.
5. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta l-opinjoni tiegħu fil-582 sessjoni plenarja tas-26 ta' Ottubru 2023. Il-Kumitat tar-Reġjuni adotta l-opinjoni tiegħu fil-159 sessjoni plenarja fil-31 ta' Jannar 2024.

III. ĦIDMA FIL-KUNSILL U FIL-KORPI PREPARATORJI TIEGĦU

6. Il-Grupp ta' Ħidma dwar it-Trasport fuq l-Art beda l-ħidma tiegħu fl-24 ta' Lulju 2023 bi preżentazzjoni ġenerali tal-proposta u l-eżami tal-valutazzjoni tal-impatt. Il-Grupp ta' Ħidma eżamina l-proposta fl-4 u d-19 ta' Settembru, fis-6, is-16 u t-23 ta' Ottubru u fit-13 ta' Novembru. Il-Presidenza Spanjola ppreżentat rapport ta' progress lill-Kunsill (15668/23) fl-4 ta' Diċembru 2023.

7. Taħt il-Presidenza Belġjana l-Grupp ta' Ħidma kompli l-eżami tal-kompromessi tal-presidenza fit-23 ta' April, fis-7 ta' Mejju, fil-21 ta' Mejju u fis-7 ta' Ġunju 2024.

IV. ĦIDMA GĦAL KOMPROMESS

8. Matul il-Presidenza Belġjana, il-ħidma ffukat fuq is-sejbien ta' soluzzjoni li tippermetti vetturi itqal fit-toroq Ewropej, peress li għadd ta' Stati Membri huma mħassba li dan jista' jkollu impatt negattiv fuq l-infrastruttura tat-toroq tagħhom u jista' jikkomprometti s-sikurezza. B'mod speċjali, dan huwa il-każ għall-Istati Membri li għandhom ħafna traffiku ta' tranżitu. Biex tillimita dan l-impatt, il-Presidenza pproponiet li tizzied formula ta' mitigazzjoni tal-impatt fuq l-infrastruttura fl-anness biex tiġi żgurata distanza suffiċjenti bejn il-fusien differenti, bħala kundizzjoni addizzjonali għal vetturi b'ħames u sitt fusien, filwaqt li Stati Membri oħra pproponew ukoll li jizziedu fusien addizzjonali fil-vettura. B'mod ġenerali, diversi Stati Membri qiesu l-formula proposta bħala triq possibbli 'l quddiem biex tiġi indirizzata din il-kwistjoni. Barra minn hekk, piż massimu ta' 46 tonnellata għall-vetturi kollha, bħal fid-direttiva attwali, intlaqa' tajjeb minn ħafna Stati Membri f'dan ir-rigward.
9. Ġew ippreżentati għażliet differenti biex tinstab soluzzjoni li tippermetti li l-vetturi b'emissjonijiet żero jikkompensaw għall-piż addizzjonali tat-teknoloġija b'emissjonijiet żero. Diversi Stati Membri għandhom problemi biex jippermettu tagħbija itqal fuq il-fus motorizzati (aktar minn 11.5 tonnellata), li tkun meħtieġa għal xi konfigurazzjonijiet ta' vetturi biex jimmaniġġjaw piż ulerjuri ta' erba' tonnellati. Proposta ta' compromess fejn 12-il tonnellata fuq il-fus motorizzati tingħata biss għall-vetturi elettriċi bil-batterija kisbet xi appoġġ iżda l-maġġoranza tal-Istati Membri insistew fuq limitazzjoni għal 11.5 tonnellata. Xi Stati Membri jsibuha wkoll diffiċli ħafna biex jippermettu aktar minn żewġ tonnellati addizzjonali għal vetturi b'emissjonijiet żero.

10. Il-kwistjoni pendenti ewlenija l-oħra hija relatata mal-Istati Membri li jippermettu ċ-ċirkolazzjoni ta' kombinazzjonijiet ta' vetturi itqal minn 40 tonnellata fit-trasport nazzjonali u kif dawn il-kombinazzjonijiet ta' vetturi itqal jistgħu jitħallew jiċċirkolaw fit-traffiku internazzjonali. Is-suġġeriment li jiġu permessi rekwiżiti tekniċi jew operazzjonali speċifiċi jidher promettenti, iżda jeħtieġ aktar ħidma. Ġew imfittxija soluzzjonijiet ulterjuri billi jiġi limitat il-kamp ta' applikazzjoni għall-vetturi EURO VI u billi jiġi permess piż addizzjonali għat-teknoloġiji b'emissjonijiet zero biex jingħata inċentiv għall-użu ta' vetturi b'emissjonijiet zero fit-traffiku internazzjonali. Barra minn hekk, ġiet diskussa wkoll is-soluzzjoni ta' klawżola ta' salvagwardja. Dan ikun jeħtieġ l-awtorizzazzjoni tal-Kummissjoni u jkun ibbażat fuq evidenza pprovduta minn Stat Membru. Din l-idea ġiet introdotta fit-test biex jiġi indirizzat it-tħassib ta' diversi delegazzjonijiet rigward ir-riskju ta' bidla modali inversa. Xi Stati Membri jistaqsu wkoll għalfejn mill-2035 'il quddiem il-kwota tal-piż addizzjonali għandha tapplika biss għal vetturi b'emissjonijiet zero.
11. Il-Grupp ta' Ħidma beda jeżamina network pożittiv ta' toroq TEN-T fl-Artikolu 7, li vetturi itqal ikunu jistgħu jinstaqu fih. Teħtieġ aktar ħidma biex jiġi determinat jekk din l-għażla tgħinx. L-Istati Membri jkollhom bżonn jiksbu stampa aħjar tal-kundizzjonijiet għal dan in-network.

V. **KONKLUŻJONIJIET**

12. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Coreper u l-Kunsill huma mistiedena jieħdu nota ta' dan ir-rapport ta' progress dwar il-ħidma fir-rigward tar-reviżjoni proposta tad-Direttiva dwar il-Piżijiet u d-Dimensjonijiet għal ċerti vetturi tat-triq.